**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 362/2016JB

Numru: 8

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Victor Galea (K.I.: 654057M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-6 ta' Settembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mija u sitta u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu (€1,126.68) liema somma tirraprezenta servizzi ta' telekomunikazzjoni pprovduti mis-Socjeta Attrici lill-Konvenut. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 2166/14 (a fol 7) u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 10);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat nhar il-5 ta' Ottubru 2016 (a fol 11) laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar l-24 ta' Ottubru 2016 ipprezenta risposta (a fol 15) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-Konvenut ma giex notifikat b'ittra ufficcjali taht l-Art. 1471 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Illi s-somma mitluba hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

3. Illi l-ebda somma ma hi dovuta mill-Konvenut lis-Socjeta Attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li s-seduta tal-lum kienet intiza ghall-provi kollha tal-partijiet, il-Konvenut ma deherx u ma ressaq l-ebda provi u ghalhekk l-istadju tal-provi tieghu gie dikjarat maghluq;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi minkejja li l-Konvenut ma ressaq ebda provi, it-talba odjerna ghall-hlas ta' kontijiet ghal servizzi ta' telekomunikazzjoni trid tigi kkunsidrata fid-dawl tat-tliet eccezzjonijiet li nghataw, li t-Tribunal sejjer jitratta separatament;

Ikkunsidra;

Illi l-ewwel eccezzjoni tincidi direttament fuq dak li gie dikjarat fl-Avviz tat-Talba, fejn is-Socjeta Attrici stqarret li s-servizzi *de quo* gew ikkuntrattati mas-socjeta Mobisle Communications Limited, liema socjeta giet, b'effett mid-19 ta' Settembru 2015, amalgamata fis-Socjeta Attrici. Tali eccezzjoni hija msejjsa fuq l-Art. 1471 *et seq* tal-Kap. 16 li jipprovdi kif gej:

> Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent.

Minn qari ta' din id-dispozizzjoni, jidher li l-Konvenut qieghed jargumenta li bejn is-socjeta Mobisle Communications Limited u s-Socjeta Attrici hemm relazzjoni ta' cessjonarju u cedent. Ic-cessjoni, kif jghid l-Art. 1469 tal-Kap. 16, jew bejgħ ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà tagħhom tiġi akkwistata *ipso jure* miċ-ċessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta ċ-ċessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att taċ-ċessjoni.

Issa mill-assjem tal-provi, partikolarment mic-certifikat prezentat a fol 5, jidher li s-socjeta Mobisle Communications Limited u s-Socjeta Attrici gew amalgamati b'akkwist u ghalhekk illum is-socjeta Mobisle Communications Limited mghadhiex tezisti. Mhemmx dubju li din hija kwistjoni li hija regolata bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Kumpanniji (Kap. 386) konformement mal-principju *lex specialis derogat generalis*. L-Art. 354 tal-Kap. 386 jipprovdi espressament li amalgamazzjoni ta' socjetajiet jkollha l-konsegwenza li l-kumpannija li tkun se takkwista tidħol għall-attiv, il-jeddijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpanniji li se jkunu akkwistati, anke fir-rigward ta' terzi, mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalitajiet barra dawk li joħorġu taħt it-Titolu relattiv tal-Kap. 386. Ezami tal-ligi in materja juri li ma tissemma ebda htiega ta' xi notifika kif qieghed jissuggerixxi l-Konvenut.

Isegwi ghalhekk li gjaladarba l-amalgamazzjoni hija perfetta kif jirrizulta mill-atti tal-kawza, mhemm l-ebda htiega ghal avviz bil-mod provdut fl-Art. 1471 tal-Kap. 16 u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni, imiss li tigi trattata u deciza t-tieni eccezzjoni u cjoe dik tal-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni hija msejjsa fuq l-Art. 2156 tal-Kap. 16 li jipprovdi ghal preskrizzjoni estintiva ta' hames snin. Issa ghad li tali dispozizzjoni tikkonsisti f'diversi paragrafi, l-eccipjenti mhuwiex qieghed jindika paragrafu specifiku u qieghed jaghmel riferenza generika ghad-dispozizzjoni tal-ligi appena citata.

Huwa ben risaput li meta l-preskrizzjoni eccepita ma tkunx specifikata, tali eccezzjoni mghandhiex tigi kunsidrata. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "Martin Aquilina *vs* Christopher Friggieri" fuq l-iskorta ta' gurisprudenza aktar antika, "*il-Qorti ma tistax* ex officio *taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha*".

Fi kwalunkwe kaz, irid jinghad li fil-kaz odjern l-ittra ufficcjali notifikata lill-Konvenut kellha l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni u anke li kieku l-preskrizzjoni giet eccepita kif imiss, kunsidrat il-perjodu li matulu gew somministrati s-servizzi, u cjoe bejn l-2010 u l-2014, din l-eccezzjoni ma setghetx tirnexxi bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni.

Ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni se tigi michuda;

Ikkunsidrat;

Illi sorvolati dawn l-eccezzjonijiet preliminari, imiss li jigi trattat il-kaz fil-mertu, fid-dawl tat-tielet eccezzjoni tal-Konvenut.

Illi fil-kaz odjern, is-Socjeta Attrici irnexxilha tipprova t-talba taghha sija bid-dokumenti prezentati kif ukoll bix-xhieda ta' Charmaine Wiffen fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq l-ebda prova biex tikkontradixxi dan. It-Tribunal iqis li x-xhieda imsemmija ghandha tigi emmnuta u ma jarax il-htiega tal-produzzjoni ta' provi ulterjuri. Ghalhekk anke t-tielet eccezzjoni se tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezjoijiet kollha, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,126.68 bl-imghax legali skond il-ligi cjoe mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali imsemmija fl-avviz tat-talba. L-ispejjez ikunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace

*Deputat Reġistratur*